TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Illum 9 ta' Frar, 2026

***C.C.T 187/24/F***

| Charles Calamatta | vs. | Customs and Freight Agency Ltd |
|---|---|---|

***Rikorrent:*** **Charles Calamatta**

***Intimat:*** **Customs and Freight Agency Ltd**

***VERBAL***

Meta ssejjaħ il-każ deher ir-rikorrenti Charles Calamatta assistit minn Dr Frank Cassar.

Rappreżentant tas-soċjeta' intimata u cioe' Kevin Attard imsejjaħ tliet darbiet ma deherx minkejja li meta ssejħet il-kawża kienu għaddew 20minuta mil-ħin skedat.

Dr Frank Cassar għar-rikorrent irrefera għar-regolament 12.1 tal-LS 378.01 u insista li t-Tribunal jgħaddi għas-sentenza b'dan illi jaqta' il-każ kontra l-azjenda intimata.

It-Tribunal ra il-korrespondenza elettronika bejn is-Segretarja tiegħu u d-difensur tal-azjenda intimata u jqis li abbażi tal-istess, l-azjenda intimata kienet magħrfa bis-seduta tal-lum. Ra ukoll li insegwitu ta' din il-korrespondenza ma saret l-ebda talba għal differiment.

Ingħatat sentenza.

Għal daqstant wara li t-Tribunal ra l-atti tat-Talba kif ukoll dak li jiddisponi r-regolament 12.1 tal-LS 378.01, iqis li l-azjenda intimata naqset milli tattendi għas-seduta bla ġustifikazzjoni u bl-operazzjoni tal-istess regolament, qed jaqta u jiddeċiedi t-talba tar-rikorrenti billi jilqagħha u konsegwntement jikkundanna lil azjenda intimata tħallas lir-rikorrent is-somma ta' elf u erba' mitt euro (€1,400) immedjatament.

l-ispejjeż kollha jinġarru mill-azjenda intimata u l-imgħax legali jgħodd mil-lum sal-pagament effettiv.

B’hekk tingħalaq din t-Talba.

**Justine Bezzina**
**Segretarja tat-Tribunal**